Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 1141/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**KEITH GALEA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Keith Galea ta' 25 sena bin John u Helen nee' Mifsud imwieled Pieta' fit-13/03/1980 u joqghod 20, Triq il-Kardinal Sciberras, Santa Venera li ghandu karta tal-identita numru 015580(M) gie akkuzat:

Talli fil-11 ta' Novembru 2005 ghall-habta tal-04.00 ta' wara nofs inhar fil-Santa Venera hebb ghall-Angelica

Apap u kkagunalha griehi ta' natura gravi skond kif iccertifika Dr. Andre' Gatt M.D. ta' l-Isptar San Luqa;
Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAP705 ghad-detriment tal-imsemmija Angelica Apap liema hsara hija izjed minn hamsin Lira Maltin;
Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;
Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Angelica Apap sabiex jingurja, iddejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna;
Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi biex tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Angelica Apap u l-familja taghha torbot lill-imsemmi Keith Galea b'obbligazzjoni tieghu inifsu taht penali li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MB3 u nnutat li l-imputat Keith Galea m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Angelica Apap iddikjarat li s-sitwazzjoni mal-imputat illum ippacifikat ruhha u ddikjarat li m'ghandha l-ebda

pretensjoni minghand l-imputat rigward l-akkuzi mertu ta’ din il-kawza.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-Artikoli 214, 216, 325(b), 338(dd), 339(1)(d), 338(bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Keith Galea, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u dak dikjarat mill-parte civile Angelica Apap fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Keith Galea taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Keith Galea b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Angelica Apap u l-familja taghha u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Keith Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------